# L-ARKIVJI FIL-BAŻILKA TA' L-ISLA

Peress li fil-Bażilka ta' l-Isla minbarra li hi knisja Parrokkjali hi wkoll Kolleġġjata, **hi tiġbor fiha żewġ arkivji separati: dak tal-Parroċċa u l-ieħor tal-Kolleġġjata.** Ma jistax jonqos li f'kull wieħed minn dawn hemm miżmumin għadd ġmielu ta' dokumenti peress li l-Kolleġġjata qabżet il-200 sena mit-twaqqif tagħha fl-1786, filwaqt li l-Parroċċa għandha 'l fuq minn 400 sena, mill-1581. Imma n-numru ta' dokumenti jingħadd bil-mijiet għaliex **għall-grazzja t'Alla kienu ġew salvati mill-qerda tal-gwerra** billi min kien inkarigat minnhom ħaseb biex iġorrhom u jpoġġihom għall-kenn u l-ħarsien.

F'dawn id-dokumenti wieħed isib **l-istorja tal-Kolleġġjata u tal-Parroċċa** f'diversi oqsma tagħhom matul dawn is-sekli. Huma teżor imprezzabbli għal min jinteressa ruħu fihom. Fittex fihom u ssib dak li tixtieq; allura tifhem li huma xi ħaġa ħajja, lesti li jkellmuk u jgħidulek x'ġara.

**Xi dokumenti dwar il-Kolleġġjata**

Insibu l-ewwelnett il-Bolla oriġinali tat-twaqqif tagħha fl-1786, bis-siġill taċ-ċomb; kif żvilup-paw il-prebendi kanonikali u l-mensa kapito-lari; l-atti kapitolari mis-sena 1786 sal-ġur-nata tal-lum; il-kalendazzjoni tal-quddiesa kon-ventwali ta' kuljum; il-preżenzi fil-kor u l-mankanzi; kif ukoll il-fundazzjonijiet.



*L-ewwel folja tad-dokument fuq pergamena tal-Bolla tal-Kolleġġjata.*

Fost dokumenti oħrajn niltaqgħu ma' l-inkar-tament li juri kif għalqa jew klawsura msejħa "ta' bir il-mielaħ" f'Wied il-Għajn li ġiet żvilup-pata u tat lok prinċipalment għall- formazzjoni ta' triq ġdida, bir-raġun imsemmija Triq La Sengle, u għall-bini ta' numru ta' terrani u ta' knisja dedikata lil Sant'Anna li maż-żmien saret ukoll parroċċa.

Niġu għall-elevazzjoni tal-Kolleġġjata għad-dinjità ta' Bażilka Minuri fl-1921 u għall-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa tal-Bambina fl-istess sena; il-kuntratt tal-konsenja tal-kuruna tad-deheb għall-inkurunazzjoni; il-minuti tas-seduti tal-Kumitat u r-rendikont ta' l-ispejjeż; il-festi ta' l-1971 taċ-ċinkwantenarju ta' l-inkurunazzjoni.

**Dokumenti oħra dwar il-Parroċċa**

Ngħaddu għall-knisja parrokkjali sa minn qabel saret kolleġġjata. Fl-uffiċċju ta' l-Arċipriet insibu diversi reġistri ta' twelid, żwieġ u mewt. Dawn jissejħu ir-reġistri parrokkjali peress li jitqiegħdu għall-konsultazzjoni uffiċjali. Fil-viżta pastorali l-Isqof jara jekk dawn humiex miżmuma bl-ordni stabilit.

Fl-arkivju parrokkjali - differenti minn dak ta' l-Arċipriet - niltaqgħu mal-primi noti tat-twelid, żwieġ u mewt li tagħhom tkun saret it-traskrizzjoni fir-reġistri uffiċċjali li għadna kemm semmejna. Hemm ukoll diversi reġistri dwar l-istat tal-parruċċani (status animarum). Hemm miġbura wkoll diversi ċirkolarijiet u pastorali minn żmien l-Isqof Pace 'l hawn. Minn dawn naraw kif jitbiddlu ċerti drawwiet u esiġenzi matul iż-żmenijiet.

Insibu r-reġistri tal-Veneranda Lampada, jew ta' l-altar tas-Sagrament li jirrappreżenta l-knisja parrokkjali; l-inventarji u l-fun-dazzjonijiet ta' legati; ir-relazzjoni tal-Periti dwar il-koppla l-qadima; il-bini tagħha mill-ġdid fl-1927 bir-rendikont ta' l-ispejjeż u l-pittura esegwita mill-pittur Ġużeppi Briffa fl-1934-1936. Niltaqgħu wkoll ma' disinji, pjanti, u stimi ta' xogħol tal-bini mill-ġdid tal-knsija wara t-tiġrif tas-16 ta' Jannar 1941.

Dokument ieħor jirrigwarda is-Sodalità tal-Qassisin, imwaqqfa taħt il-patronċinju ta' San Ġużepp, li kienet miftuħa għas-sħubija anke għas-saċerdoti ta' parroċċa oħra.

Wara r-riforma tal-Konċilju Vatikan II, li ġiebet bidla fil-liturġija, anki bl-użu ta' l-ilsien tal-post - fil-każ tagħna l-malti - flok il-latin, numru ta' missali, brevjarji, u kotba oħra sabu ruħhom ukoll fl-arkivju tal-parroċċa. Dawn mhumiex dokumenti bħar-reġistri, imma għandhom il-valur storiku tagħhom ukoll. Uħud minnhom anzi huma ta' qabel ir-riforma li kien għamel motu proprio il-Qaddis Papa Piju X. Għalhekk kienet ħaġa flokha li dawn jiġu merfugħin fl-arkivju tal-parroċċa.

Il-knisja ma tkunx kompluta jekk minbarra l-

kleru ma jkollhiex ukoll l-għaqdiet reliġjużi ta' Fratellanzi jew Kongregazzjonijiet. Dari r-registri kienu jinżammu għand il-Prokuraturi. Daż-żmien qegħdin ċentralizzati fil-parroċċa. Għalhekk insibu r-reġistri tal-Fratellanza tas-Sagrament; tal-Vjatku; tal-Kurċifiss, tal-Karità u ta' l-Agunija tal-Vija Sagra, ta' San Dimetrju, ta' San Ġużepp; tar-Rużarju, tal-Patroċinju tal-Beata Verġni Marija magħrufa wkoll tal-Katina; tal-Karmnu; tal-Kunċizzjoni; ta' Lourdes, tat-Trinità magħrufa wkoll tal-ħelsien ta' l-iskjavi; tal-Bumbarieri jew ta' Santa Barbara. **Tieħu pjaċir taqra minn dawn ir-reġistri kemm is-sekulari kif ukoll xi saċerdoti kienu jfittxu li jingħaqdu f'dawn il-fratellanzi għall-ġid tagħhom spiritwali minbarra d-devozzjoni li kienu juru lejn il-qaddis protettur tagħhom.** Kemm kienu jkunu numerużi u jieħdu l-affarijiet bis-serjetà! It-teżori li wieħed igawdi llum huma kollha frott ta' din il-ħidma qaddisa.

Niltaqgħu wkoll mal-Pia Unione dei Figli di Nostra Signora del Sacro Cuore di Ġesù; tal-Compagnia del Sacro Cuore di Ġesù, u tal-Lega Eucaristica. Dawn il-Kongregazzjonijiet ta' rġiel u nisa juruna, mid-dokumenti tagħhom, kemm il-ħeġġa spiritwali kienet titqies bħala meħtieġa għall-għejxien tal-bniedem, flimkien mal-ħidma materjali.

Ma għandniex inħallu barra d-dokumenti tal-Kongregazzjoni Marjana taħt it-titolu tal-Purifikazzjoni ta' Marija Verġni, ossija ta' l-Onorati. Bħal xi għaqdiet oħra, din ukoll ġiet tista' tgħid fix-xejn, u l-Oratorju tagħha, tal-Kandlora, qed iservi għal skop ieħor utli għall-knisja. Għaldaqstant id-dokumenti tagħha jiffurmaw ukoll parti mill-arkivju tal-knisja.

Insibu anki dokumenti dwar żewġ legati taż-żwieġ imħollija mill-aħwa Costu, l-Ispiżjar Luigi u Maddalena. Avvolja l-ammont ta' dawn il-legati illum jitqies li hu żgħir ħafna, xorta waħda huma mfittxija mill-għarajjes għax, kif jgħid il-qawl, "kull ftit jgħin."

Hemm fundazzjoni oħra ta' l-Ospizju Sant'Anna. Din ġiet imwaqfa minn Nicolò Dingli u l-mara tiegħu Maddalena, a favur xi nisa xjuħ li jiġu minnhom, biex dawn ikollhom fejn jingabru fl-aħħar snin ta' ħajjiethom. L-amministrazzjoni ta' din il-fundazzjoni kienet fdata f'idejn il-Konfraternità tal-Kurċifiss. Fil-preżent ġiet rikostitwita u hi mmexxija minn kumitat taħt il-presidenza ta' l-Arċipriet. Għalhekk id-dokumenti ta' din il-fundazzjoni issa qegħdin konservati fl-istess Ospizju, fi Triq ix-Xatt.

### Estensjoni ta' l-Arkivju Parrokkjali

Fost oħrajn f'din il-parti nsibu dawk id-dokumenti li nġiebu mill-Oratorju ta' San Filippu u tal-knisja ta' Sidtna Marija tal-Portu Salv li hi annessa miegħu iżda hi filjali tal-parroċċa, bħall-knisja l-oħra ta' San Ġiljan. Dawn jirrigwardaw l-amministrazzjoni ta' fundazzjonijiet li qabel kienu f'idejn il-Prepostu u llum qed tieħu ħsiebhom il-parroċċa biex twettaq l-obbligi tagħhom.

Hemm numru sew minn dawn id-dokumenti. Fosthom, għalkemm jidher li ma għandux x'jaqsam ma' amministrazzjoni ta' obbligi, hemm ġawhra ta' manuskritt, miktub minn Patri Filippin (F.S. Baldacchino?) li jġib l-isem **"Memorie Diverse"**, li jkopri żmien ta' ħamsin sena bejn l-1783 u l-1833 u jiddeskrivi l-ġrajjiet ta' dik l-epoka, jiġifieri l-aħħar snin ta' l-Ordni, żmien il-ħakma tal-Franċiżi, u l-ewwel żmien ta' l-okkupazzjoni Ngliża, minbarra notamenti li għandhom x'jaqsmu mal-Patrijiet Filippini.

### Sezzjoni oħra

Fl-aħħarnett hemm sezzjoni oħra ta' l-arkivji parrokkjali li tiġbor fiha dokumenti "Mixxellanji" li jikkonsistu f'kotba, ittri u reġistri li kienu propjetà privata u għaddew f'idejn il-knisja. Fost dawn insibu manuskritt tas-sena 1786, jismu "Memorie Ecclesiastiche della Città Senglea" minn żmien il-qedem tagħha. Hemm ukoll diversi ittri li Dom Maurus Inguanez kien jibgħat lill-Kanonku Goffredo Lubrano.

Ma nistgħux inħallu barra żewġ Għaqdiet li għalkemm mhumiex reliġjużi, imma Soċjetajiet Filantropiċi dejjem kienu taħt id-dell tal-knisja. Dawn huma il-Lega tal-Qalb ta' Ġesù u s-Soċjetà Operaia Cattolica San Giuseppe. Kienu magħmula u mmexxija min nies tas-snajja u tat-Tarzna, biex jipprovdu għajnuna finanzjarja fil-mard, pensjoni meta wieħed jieqaf mix-xogħol, u suffraġji wara l-mewt. Meta ġew biex ixolju, għaddew b'riżoluzzjoni li l-kotba tagħhom iqegħduhom fl-arkivju tal-parroċċa. J'Alla din il-ħarsa fil-qosor lejn l-imgħoddi tkun ta' xprun għalina biex ma nħallux dan il-wirt jintilef. Bis-saħħa u l-interess ta' l-Arċipriet, il-Kanonku Dun Vinċenz Cachia, l-Arkivji tal-Kolleġġjata u tal-Parroċċa fil-Bażilka ta' l-Isla, bħal opri oħra qed ikunu mħarsa wkoll kif jixraq. Diġà tlesta katalogu parzjali. Bl-għajnuna t'Alla u l-kuraġġ u t-tħabrik ta' l-Arċipriet, wieħed għad jara anki dan ix-xogħol mitmum.

**Joseph Porsella Flores**